18 ta' Mejju, 1957

Imħallef:—

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Alexander Chetcuti *versus* Danny sive Daniel Cremona

## Inġurja — "Animus Iniuriandi" — Kwerela — Appell — Art. 425(1)(b) Kap. 12

*Wieħed mill-każijiet li fihom jista' jappella l-kwerelant minn sentenza tal-Maġistrat hu dak meta l-Qorti tal-Ewwel Grad tkun illiberat lill-kwerelat għax ma kienx hemm il-kostitutivi tar-reat; u hi ġurisprudenza kostanti u paċifika li, biex il-kwerelant jista' jappella fuq dan il-motiv, hemm bżonn li l-Maġistrat ikun illibera għaliex ikun irritjena li fil-fatt "kif dedott" ma hemmx il-kostitutivi tar-reat, ċjoè jeħtieġ li jkun iddeċieda li fl-imputazzjoni, sempliċement kif dedotta, indipendentement mill-provi, ma hemmx reat.*

*Jista' jkun hemm każ wieħed fejn, avvolja l-Maġistrat ikun iddeċieda fuq il-fatt "kif pruvat", ċjò non ostante jkun hemm lok għall-appell; u dan hu meta l-Maġistrat ikun għamel enunċjazzjoni erronea jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat; għax f'każ simili jkun hemm kwistjoni ta' dritt.*

*Għaldaqstant, jekk il-Maġistrat ikun illibera lill-kwerelat f'imputazzjoni ta' inġurja, u dan għaliex, in bażi għall-provi mismugħa, ċjoè bħala ġudizzju jew apprezzament ta' fatt minnu magħmul, irritjena li ma kienx hemm fil-kwerelat l-"animus iniuriandi, il-kwerelant ma jistax jappella minn dik is-sentenza.*

Il-Qorti; — Rat il-kwerela ta' Alexander Chetcuti kontra Danny sive Daniel Cremona, talli f'dawn l-aħħar tliet xhur, fid-Depot tal-Pulizija l-Furjana, inġurjaħ u heddu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-5 ta' April 1951, li biha lliberat lill-kwerelat u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa;

Rat ir-rikors tal-kwerelant, li bih appella u talab li s-sentenza tiġi revokata, u li l-kwerelat jiġi kundannat; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni tal-inappellabilità, sollevata mill-kwerelat appellat;

Skond il-liġi, wieħed mill-każijiet li fihom jista' jappella l-kwerelant hu dak li fih il-Qorti tal-Ewwel Grad tkun illiberat għaliex ma jkunx hemm il-kostitutivi tar-reat. Fil-każ preżenti, il-Maġistrat illibera mill-addebitu tal-inġurja għax irritjena li ma kienx hemm l-"animus injuriandi";

Però, il-Maġistrat ġie għal din id-deċiżjoni in bażi għall-provi minnu mismugħa, ċjoè bħala ġudizzju jew apprezzament ta' fatt minnu magħmul. Issa, hi ġurisprudenza kostanti u paċifika ta' din il-Qorti li, biex il-kwerelanti jista' jappella taħt l-art. 425 (1) (b) (iv) (i) Kap. 12, hemm bżonn li l-Maġistrat ikun illibera għaliex ikun irritjena li fil-fatt "kif dedott" ma hemmx il-kostitutivi tar-reat, ċjoè jeħtieġ li jkun iddeċieda li fl-imputazzjoni, sempliċement kif dedotta, indipendentement mill-provi, ma hemmx reat. Fil-każ preżenti, inveċe, il-Maġistrat sema' l-provi, u wara li għamel l-apprezzament tagħhom, tajjeb jew ħażin, ġie għall-konklużjoni li l-provi ma kienux juru li kien hemm l-"animus injuriandi". Il-kelma "fatt" fid-dispożizzjoni tal-liġi ġiet dejjem interpretata bħala li tfisser il-fatt kif "dedott", u mhux il-fatt kif "pruvat";

Kif hemm spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti, similment presjeduta, "Spiteri utrinque" 9 ta' Ottubru 1937, Kollez. Vol. XXIX-IV-758, din hi ġurisprudenza antika li tiddata mis-sentenza "Avvocato della Corona vs. Buhagiar", 28 ta' Gunju 1889;

Jista' jkun hemm każ wieħed fejn, avvolja l-Maġistrat ikun iddeċieda fuq il-fatt kif "pruvat", non ostante jkun hemm lok tal-appell, u dan meta l-Maġistrat ikun għamel enunċjazzjoni erronea jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat; għax f'każ simili jkun hemm kwistjoni ta' dritt. F'din is-sentenza ma kienx hemm din l-enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-liġi;

Kwantu għall-addebitu ta' theddid, kien hemm biss apprezzament ta' fatt;

Għalhekk, tilqa' l-eċċezzjoni, tiddikjara inammissibbli l-appell, u per konsegwenza irritu u null. L-ispejjeż ta' dan l-appell iħallashom il-kwerelant. Onorarju tad-difensuri 10s. għas-seduta tal-lum u 8s. għal dik ta' qabel.